# Drawwiet u Noti dwar il-Madonna ta' Lourdes f'Malta



kitba ta' Guido Lanfranco

Fl-1943, meta l-attakki fuq Malta battew, u kelli 13-il sena, missieri kien ħadni sa Għawdex biex joffri xi żejt lill-Madonna ta' Pinu bħala ħajr ta' wegħda talli skansajna mill-mewt fil-familja. Waqt li l-vapur ċkejken ta' dak iż-żmien kien qed joqrob lejn l-Imġarr, mill-ewwel laqtitni l-istatwa fil-grotta, fl-għoli, (wara sirt naf li għamilha Antonio Busuttil fl-1879, u li l-knisja, fuq disinn tal-perit Emmanuele Galizia, kienet lesta f'Awissu tal-1893). Fl-istess ħin kien beda jdur wieħed mill-baħrin iċekċek il-karus tal-landa biex jiġbor għall-Madonna ta' Lourdes, għax kienet drawwa li bosta mill-passiġġieri kienu jmorru jisimgħu il-quddies jew jagħmlu viżta malli jaslu Għajnsielem, bħala ħajr talli temmew il-vjaġġ qawwijin u sħaħ. Dan il-ġbir fuq il-vapur ta' Għawdex baqa' jsir għal żmien twil.

Fis-snin tletin, bħalma kienu jagħmlu bosta familji oħra f'dawk iż-żminijiet, ommi kienet tgħidilna t-talb qabel norqdu, u dan konna nitgħallmuh bl-amment, ukoll jekk ma nifhmux il-kliem kollu; saħansitra kien hemm xi ġekulatorji komuni bit-Taljan, għax f'dak iż-żmien dik il-lingwa kienet għadha tinħass ħafna fostna. Meta kien ikun żmien id-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes, kienet tibda tgħid il-kurunella "Sliem għalik o Verġni Mqaddasa . . . ." li kienet taf bl-amment, u ftit ftit kont tgħallimtha hekk jien ukoll; baqgħet dejjem togħġobni, għax kif dejjem insostni, meta nkunu tfal, napprezzaw u niftakru l-poeżija biss jekk ikollha r-rima u r-ritmu li bħallikieku jimmużikaw il-kliem u niftakruh aktar malajr.

Ukoll qabel il-gwerra fis-snin tletin, minn Tas-Sliema konna mmorru mal-ġenituri tagħna passiġġata sal-Qaliet fl-inħawi ta' Spinola u ġieli konna nibqgħu niżlin sal-bajja ta' San Ġorġ biex nagħmlu viżta l-knisja ta' Santa Rita u l-kunvent ta' l-Agostinjani. Fit-telgħa ħdejn il-kunvent, wara Villa Rosa, hemm grotta bil-ġebel rustiku bl-istatwa tal-Madonna kif dehret f'Lourdes . Dan il-bini beda jinbena fl-1927 u tlesta s-sena ta' wara. Fl-1936 l-istess patrijiet bnew kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'Paceville, imma din twaqqgħet biex flokha, fl-1967, tinbena waħda wisq akbar.



*Grotta tal-Madonna ta' Lourdes ta' l-Agostinjani, ħdejn il-knisja ta' Santa Rita, wara Villa Roża; St. George's Bay St. Julians.*
*Photo collection Guido Lanfranco*

Il-patrijiet Franġiskani Konventwali aktar mixħutin lejn il-Madonna taħt it-titolu tal-Kunċizzjoni, u kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kienu twaqqfu fi ħdanhom il-fratellanzi tal-Kunċizzjoni li kienu għamlu festi speċjali meta ħarġet id-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-1854 u fl-għeluq l-anniversarji kull ħamsin sena, imma billi l-Madonna ta' Lourdes dehret fl-1858, erba' snin biss wara d-domma, bħallikieku dawn iż-żewġ denominazzjonijiet imorru flimkien. Infakkru li dawn il-patrijiet għall-festa u d-dehriet, bħal tal-Belt Valletta, jistampaw il-kurunella b'ritratt ta' l-istatwa li għandhom. Il-Kapuċċini jagħmlu l-istess, anzi, bħal tal-Furjana, fl-ewwel Sibt wara l-aħħar dehra jagħmlu wkoll il-festa ta' Santa Bernardina Soubirous bir-rużarju, quddies, omelija, kurunella u barka.

Hawn ta' min jgħid li l-fratellanzi tal-Madonna ta' Lourdes bdew fi Franza fl-1872, oriġinarjament bħala Soċjetà ta' L-Immakulata Kunċizzjoni, wara kollox il-Madonna stess qalet lil Bernardina: "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni". Saret arċikonfratenità fl-1873 fi

Franza għax minnha ħarġu oħrajn fl-Ewropa, imma fl-1910 biddlet isimha għall-Arċikonfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Madonna ta' Lourdes biex tonora u tfakkar id-domma u taħdem id f'id ma' kull qasam għall-morda u pellegrini lejn Lourdes. Għall-ewwel il-Papa Piju IX ppermetta li tibda ssir festa bil-quddiesa u uffizzjatura speċjali f'Lourdes stess u, aktar tard ukoll, f'dawk il-postijiet li kienu jitolbu dan il-permess, imma l-Papa Piju X fl-1907, ta l-libertà li kullimkien tista' ssir din il-festa, għalhekk minn dak iż-żmien id-devozzjoni nfirxet ma' kullimkien kif ukoll fil-gżejjer tagħna u bdejna nimtlew niċeċ fit-toroq, grotot, altari, statwi u festeġġjamenti. Il-Maltin ukoll organizzaw għaqda biex jittrasportaw morda u pellegrini lejn Lourdes. Din kienet "Unione Maltese Trasporto Ammalati Lourdes" li twaqqfet u għamlet l-ewwel pellegrinaġġ żgħir lejn Lourdes fl-1933.

Kulħadd jaf kif, sa ftit snin ilu, (almenu l-aktar tard li niftakar kien fis-snin ħamsin u ftit fis-snin sittin), lil bosta tfal kienu jlibbsuhom lbies tal-wegħda. Il-ġenituri spiss kien ikollhom jagħmlu xi wegħda f'isem it-tfal tagħhom, għax qabel kien hawn aktar mard serju, u sas-snin tletin saħansitra kienu jmutu ukoll ħamsin fil-mija tat-trabi. Għalhekk konna naraw subien libsin ta' Sant'Antnin, ta' San Franġisk, San Vinċenz, San Leonardu u Ġesù Nazzarenu, u l-bniet l-aktar ta' Santa Rita, imma wkoll f'ċerti każijiet tal-Madonna ta' Lourdes. Għamla oħra ta' wegħda fejn ilibbsu l-bniet ta' Madonna ta' Lourdes iltqajt magħha ftit drabi, li fihom tfal bniet libbsuhom hekk fil-preċett, mhux biss bħala libsa għal dik l-okkażjoni, imma wkoll għax kienu għamlu wegħda ta' ringrazzjament għal xi fejqan.



*Tifla liebsa tal-Madonna ta' Lourdes fil-preċett bħala wegħda – 1940s.*
*Photo collection Guido Lanfranco*

Nafu b'ħafna każijiet fejn familji li jgħixu qrib il-Furjana, il-Kalkara, u postijiet oħrajn fejn hemm kunventi tal-patrijiet Kapuċċini, jieħdu t-tfal quddiem il-grotta tal-Madonna ta' Lourdes biex jitolbu, bħala devozzjoni, jew inkella b'rabta ma' wegħda. Naf b'familja mill-Birgu li, fil-wegħdiet li kienu jsiru għal uliedhom, kienu jwiegħdu li f'kull tifkira tad-dehra tal-Madonna ta' Lourdes, minn Frar sa Lulju, imorru jinviżtaw il-grotta tal-Kalkara fejn Santa Liberata u jgħidu r-Rużarju matul it-triq. Fir-rebbiegħa kienu jaqtgħu bukketti ta' fjuri slavaġ, sbieħ, bħall-ħaxixa ngliża jew lellux u pepprin, biex iqiegħeduhom quddiemha f'xi bott bl-ilma, waqt li jgħidu xi talba. Is-sorijiet li kienu jgħallmu l-iskola primarja tal-gvern fil-Birgu stess, billi l-brejk ta' nofs in-nhar kien ikun twil sagħtejn kien ikollhom żmien biżżejjed biex jieħdu xi tfal passiġġata lejn il-grotta tal-Kalkara, jgħidu xi talba, u jerġgħu lura. Fis-snin erbgħin sal-bidu tas-snin ħamsin, konna mmorru fit-teatru ta' l-oratorju tas-Sależjani f'Tas-Sliema fejn kienu jsiru taħlita ta' films fi tmiem il-ġimgħa, u fost dawk li l-aktar irrepetew kien is-"*Song of Bernardette.*"

Fil-waqt li l-festa tal-Madonna ta' Lourdes tkun fil-11 ta' Frar li tfakkar l-ewwel dehra, il-jiem l-oħra tad-dehriet għadhom isiru bosta attivitajiet, inklużi pellegrinaġġi għal fejn hemm statwi b'dan it-titolu, bħalma hi dik tal-grotta ta' San Martin li hi frekwentata ħafna, u f'dawn l-okkażjonijiet jistampaw u jqassmu kopji tal-kurunella.

Qabel nagħlaq irrid infakkar xi anniversarji ta' interess dwar il-Madonna ta' Lourdes in ġenerali u għall-kult Marjan fil-Qrendi:

## 1654 (350 sena ilu)

Mir-rapport tal-viżta pastorali fil-knisja Tal-Ħniena tal-Qrendi jidher li kien hemm it-tpinġija tal-Madonna msejħa Ta' l-Arkata, titolu li kien beda f'Napli u daħal f'Malta fil-bidu tas-seklu sbatax, imma ma bqajniex nisimgħu aktar bih. L-istorja tad-devozzjoni li, kif semmejna, kienet bdiet f'Napli tixbaħ ħafna 'l dik tal-knisja parrokkjali "Tal-Ġebla" li għandna fil-Gżira, għax bdiet meta tifel laqat niċċa bil-ballun, fil-waqt ta' Malta bdiet meta xi ħadd kien xeħet ġebla lejn niċċa.

## 1804 (200 sena ilu)

Miet Antonio Mizzi, it-tmien kappillan tal-Qrendi. Fi żmienu sar l-inkwadru tal-Kunċizzjoni. Dan kien l-aktar kappillan li dam, għax kien laħaq fl-1755.

## 1929 (75 sena ilu)

L-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena quddiem il-knisja Tal-Ħniena, ngħatat indulġenzi mill-Isqof Maurus Caruana. F'din is-sena, Giuseppe Briffa kompla l-pittura tas-saqaf tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes tal-Furjana, wara li kien ħadem fuq il-koppletta Ramiro Cali.

F'din is-sena wkoll kien hawn Malta nkwiet bejn l-istat u l-knisja. Il-Papa Piju XI kellem lill-pellegrini Maltin li marru l-Vatikan għall-udjenza. Il-Papa kien

ukoll bagħat f'Malta lid-delegat appostoliku Paschal Robinson biex jirrapporta fuq is-sitwazzjoni.

Ukoll ta' interess li l-moviment ta' l-Azzjoni Kattolika beda f'Malta, introdott mill-moviment ta' l-Istudenti Kattoliċi ta' l-Università. F'din l-istess sena, Għawdex kellu l-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan tiegħu. Ta' min jgħid ukoll li fl-istess żmien, Giuseppe de Piro, il-monsinjur li waqqaf l-MSSP (Moviment Missjunarju ta' San Pawl) ta' Sant'Agatha tar-Rabat, kellu bosta problemi dwar il-missjoni fis-Somalja, istituti u problemi oħrajn. Billi kien eżawrit u se jimrad, it-tobba ordnawlu jagħmel vjaġġ biex iderri, u ta' devot li kien, għażel li jmur Lourdes.

## 18 ta' Jannar 2004

F'din il-ġurnata miet, ta' 83 sena, Samuel Bugeja, skultur magħruf. Hawn qed insemmih għax fl-1980 għamel l-istatwa titulari ġdida, ta' l-injam, għall-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes ta' Raħal Ġdid. Hawn, mill-1975 kienet toħroġ statwa oħra tal-Madonna ta' Lourdes, "Il-Madonna ta' Meilak" għax kienet tal-familja Meilak, sakemm saret il-ġdida.

**P.S.:** Nirringrazzjaw lis-Sur Lanfranco talli għoġbu jgħaddilna r-ritratti mill-kollezzjoni privata tiegħu.

FRAME MAKER
Prop. Christian Caruana
*For any kind of frames & glass cutting*
57, St. Catherine Street, Mqabba ZRQ 08
Tel: 2168 3308 Mob: 9988 8691

SILVANA
GENERAL HOUSEHOLD GOODS
IT-TAHHAN STR.,
C/W VINCE DIMECH STR.,
ŻURRIEQ ZRQ 02
(OPS. XAROLLA WINDMILL)
TEL: 2164 9035, 2168 0115




FOTO genic
Charles Zammit
NYIP(USA), LMPA(UK), LMIPP(MLT)
*Weddings*
*Child Photography*
*Stage Photography*
*Modelling Photosessions*
*Restoration of Old Photographs*
63, Sebastian Str., Qormi QRM 07
Tel: 2144 5647
Mob: 7945 1246, 9946 7171
email: fotogeni@maltanet.net